MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2003

Numru 674/2001

**Artikolu 49, 50, 325(b) u 339(d) tal-Kap 9
tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija
Spettur Jason Agius
V**

**EMAD EDDN SALEM ALFALAH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMAD EDDN SALEM ALFALAH** ta' wiehed u tletin sena, bin Salem u Afaf kunjom xbubitha mhux maghruf, imwieled Tripli nhar s-sbatax a' Novembru 1970 u joqghod Blokk 15, Flat 3, Triq l-Ibjar, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 18053M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru

2001 f'xi hin bejn is-sebgha ta' filghaxija u t-tmienja w kwart ta' filghaxija f'Albert Town il-Marsa:

1. voluntarjuament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe s-sett tat-Telecare li kien installat fir-residenza ta' Carmelo Micallef li joqghod numru 80, Triq il-Princep Albert, Marsa [Albert Town] ghad-detriment tal-Maltacom plc, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l-hames mitt lira malitn imma hu izjed minn hamsin lira maltin;
2. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hebb kontra Carmelo Micallef sabiex jingurjah, jdejjqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna; u
3. talli sar recidiv b'sentenza moghtija nhgar l-erbatax ta' Lulju 1993 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi liema sentenza hija definittiva u ma tisstax tigi mhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Carmelo Micallef u tapplika l-provvediment tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta ta' Novembru 2001 esibit fl-atti markat bhala dokument CSH 1 a fol 9 tal-process.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar l-hdax ta' Dicembru 2001 xehed Carmelo Micallef l-allegat vittma** f'dan il-kaz u spjiega kif dakinhar tal-incident li gie rappurtat fl-Ghassa tal-Pulizija l-imputat, li huwa gharaf presenti fl-awla, dahal gewwa daru u kien ser jaqbad jaghtih u ghalhekk huwa ghafas il-buttuna tat-Telecare sabiex jitlob l-assistenza tal-Pulizija. L-imputat imbaghad qabad l-apparat tat-Telecare u tefghu u sabtu mal-art u sussegwentement telaq minn fuq il-post. Ix-xhud xehed li huwa kien qed irabbi tlett itfal tal-imputat peress li mart l-imputat li tigi bintu u kellha bzonn l-ghajnuna finanzjarja.

**Josephine Vella li tigi mart l-imputat xehdet** kif dakinhar tal-incident l-imputat qabad u dahal go dar missierha waqt li kienet hemm u qabad it-Telecare u sabtu mal-art.

**Joseph Vella li hu rappresentant tal-Maltcom xehed** li huwa spezzjona s-sett tat-Telecare esibit fl-atti u qal li fil-fehma tieghu dan l-apparat ha tisbita u skond d-dokument CSH 2 esibit fl-atti a fol 10, dan l-apparat sofra danni fl-ammont ta' mija u hamsin lira maltin. Spjiega wkoll li dan l-apparat huwa proprjeta tal-Maltacom plc.

**PC 1328 Jesmond Borg** kkonferma li nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2001 waqt li kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid, ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija ircieva rapport minghad d-dipartiment tat-Telecare li Carmelo Micallef li joqghod 80, Triq il-Princep Albert, Marsa, kellu bzonn l-ghajnuna tal-Pulizija. Huwa flimkien ma PC 1100 accedew fuq il-post u sabu lil Carmelo Micallef flimkien ma bintu Josephine, mart l-imputat, li qalulu li l-imputat kien habbat il-bieb u wara li fetah Carmelo Micallef, kellu xi jghid ma martu Josephine u qabad is-sett tat-Telecare u sabbtu mal-art u kissru. Huwa esibixxa l-okkorrenza relattiva ghal dan r-rapport dokument JB esibit fl-atti a fol 31.

Il-Prosekuzzjoni esibit l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2001 li tinsab esibita fl-atti a fol 13 bhala dokument CSH 4. Minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li huwa minnu li dakinhar tat-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2001, l-imputat mar ghand Carmelo Micallef u kellu xi jghid mieghu. Huwa minnu wkoll li l-apparat tat-Telecare spicca mkisser pero huwa qal li kien Carmelo Micallef stess li waqqghu involuntarjam ent meta gibed r-receiver u ma kienx hu li kissru.

**L-imputat ghazel li jixhed u ta d-deposizzjoni tieghu nhar l-hamsa ta' Settembru 2002** fejn ikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija tieghu u cioe li kien Carmelo Micallef stess li kisser l-apparat tat-Telecare u mhux hu. Huwa ddeskriva fejn kien jinstab dan l-apparat u cioe fuq tarf tat-

television xi hames piedi 'l fuq mill-art. Huwa cahad li kellu xi jghid mal-imputat fis-sens li hebb ghalih.

Illi ghalhekk din il-kawza tiddependi biss fuq kredibilita tax-xhieda u dan ghaliex il-Qorti ghandha zewg versjonijiet tal-fatti u cioe dik moghtija mill-allegata vittma Carmelo Micallef kif korroborata minn bintu Josephine li kien l-imputat li kisser l-apparat tat-Telecare, u dik proposta mill-imputat li qal li kien l-imputat li kisser l-apparat b'mod involuntarju.

Il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija u ghamlet l-ezami tax-xhieda skond l-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi qiset l-imgieba taghhom, l-komportament taghhom u x'interess setgha kellhom f'dak li qalu u thoss li l-versjoni tal-fatti kif esposta mill-vittma Carmelo Micallef waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda, hija aktar kredibbli fic-cirkostanzi.

Ghalhekk il-Qorti tiddikjara li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-ewwel akkuza taghha u cioe dik ta' hsara voluntarja.

Dwar it-tieni akkuza u cioe dik kontravenzjonali ta' ingurja jew theddid kontra persuna, il-Qorti thoss li din ma gietx ppruvata bl-ahjar mod jew ahjar sal-grad rikjest mill-ligi.

Dwar t-tielet akkuza u cioe dik ta' recidiva, il-Qorti rat is-sentenza esibita fl-atti a fol 11 markata bhala dokument CSH 3, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-erbatax ta' Lulju 1993, fejn l-imputat odjern kien instab hati fost affarijiet ohra ta' serq aggravat u gie kkundannat tletin jum prigunerija bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-identita tal-imputat f'din is-sentenza giet kkonfermata mis-Supretendent Bartolomeo Mula nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Marzu 2002 fil-konfront tal-imputat odjern u ghalhekk ma hemmx dubbju li din is-sentenza nghatat fil-konfront tal-imputat odjern.

Il-Qorti rat l-artikolu tal-ligi partikolarment l-artikolu 49, 50, 325(b) u 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 7 et seq tal-atti odjerni w immarkata bhala dokument CSH 7 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat ghandu erbgha convictions registrati fuqha dwar serq, ingurja, u theddid lejn Ufficjali Pubblici, ksur tal-bon ordni, sewqan taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku u sewqan b'manjiera perikoluza fost akkuzi ohra.

Illi huwa ghandu wkoll piena ta' prigunerija kif wkoll multa pero dan nonostante reggha qieghed il-Qorti akkuzat li kiser dufrejh mal-ligi.

Il-Qorti rat wkoll l-atteggjament tal-imputat tul il-proceduri odjerni u cioe li jigi tard ghas-seduti, li jbiddel l-avukat il-hin kollu, li ma jikkomunikax mal-avukat difensur tieghu u jippretendenti li l-avukat difensur huwa l-pastas tieghu u ghalhekk nnotat wkoll ic-cirkostanzi ta' attitudini kiesha u baxxa tieghu, il-Qorti m'ghandhix alternattiva hlief li tikkundanna dan l-agir tieghu.

Il-Qorti ma thossx li l-imputat tghallem mill-esperjenzi moghtija lilu mill-Qorti u cioe li ghandu jgib ruhu tajjeb fis-socjeta u jgib rispett lin-nies ta' madwaru tal-istess socjeta li jifforma parti minnha huwa wkoll.

Il-Qorti qiset wkoll l-fatt li l-hsara voluntarja giet kagjonata lil kunjatu tieghu li jiehu hsieb lil uliedu b'pacenzja u dedikazzjoni u minn naha l-ohra qiset wkoll li ghalkemm l-valur tal-apparat li gie mkisser huwa zghir xorta m'ghamilx tajjeb ghal din il-hsara.

**Ghalhekk l-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat EMAD EDDN SALEM ALFALAH hati tal-ewwel u t-tielet akkuza u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett xhur u tordna li z-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz jigu mnaqqsa**

**minn dan l-istess perjodu ta' prigunerija u tiddikjara li ma ssibux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------